Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Jannar 2023**
**(OR. en)**

**15942/22**

**CDR 154**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika ta' Ċipru, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra datata 20 ta' Ottubru 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni nnotifika lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Panayiotis VASILIOU, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur[1].

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

[1] 13919/22.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Panayiotis VASILIOU, il-Gvern Ċiprijott ipproponа[2] lis-Sur Christodoulos PAPACHRISTOU, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Πρόεδρος Κοινοτικού Συμβουλίου, Κοινότητα Ψεματισμένου, Επαρχία Λάρνακας* (President tal-Kunsill tal-Komunità, Komunità ta' Psematismenos, Distrett ta' Larnaca), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 15943/22 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

2 15660/22.